It-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2019

Għażiż Kap tal-PN Dr Adrian Delia,

Dawn huma l-fatti tal-aħħar jiem marbuta mal-co-option tiegħi fil-Parlament:

Jiena u Dr Kevin Cutajar kellna l-istess lista u ħadd minna ma oġġezzjona għall-ebda isem;

Fil-kas tal-vot ta' David Camilleri, dan ilu xhur, u sa fejn naf jien qatt ma kien hemm notifika mill-President tal-Eżekuttiv biex il-vot tiegħu jitneħħa;

Sat-30 ta' Mejju meta l-lista nħarġet mis-sistema David Stellini kien għadu Membru Parlamentari u allura bil-vot effettiv peress li r-riżenja tiegħu kienet effettiva mill-Ġimgħa, 31 ta' Mejju fil-għaxija. U għalhekk hija gidba l-allegazzjoni li jien b'xi mod immodifikajt il-lista biex inżid xi ismijiet bil-vot;

Fil-ġurnata tal-elezzjoni tal-co-option, ma kienx hemm oġġezzjoni għall-membri bil-vot;

Il-President tal-Eżekuttiv mexxa din l-elezzjoni u għajjat lil kull membru bil-vot wieħed wieħed;

Jien assolutament ma kelli x'naqsam xejn fil-proċess ta' din l-elezzjoni għal raġunijiet ovvji u ma ħadt l-ebda deċiżjonijiet tal-ebda tip.

Hija fabrikazzjoni u gidba assoluta li jiena u int bħala l-Kap tal-PN, f'xi stadju għamilna xi ftehim verbali jew bil-miktub ma' kandidati tas-7 distrett biex dawn ma jikkontestawx għall-ebda co-option. Bl-istess mod seta' jikkontesta għal din il-co-option, kull min ried. Kuntrarju għall-allegazzjonijiet li saru, l-paga tiegħi mill-Partit Nazzjonalista, bl-ebda mod ma tinkludi fiha kumpens għall-fatt li jiena ċedejt is-siġġu Parlamentari tiegħi lil Adrian Delia biex isir Kap ta' l-Oppożizzjoni. Dawn il-gideb huma fabrikazzjonijiet ta' persuna li missha taf ferm aħjar u li qatt ma kellha tħalli r-rivalità distrettwali tqanqal allegazzjonijiet tant gravi u libellużi li huma għal kollox ineżistenti.

Huwa ċar ferm aktar minn qatt qabel li l-istess grupp ta' nies li m'aċċettawx ir-riżultat demokratiku tal-elezzjoni tiegħek bħala Kap tal-Partit, illum għaddejjin b'kampanja qalila biex jattakkaw u jiskreditaw lili personalment, għall-fatt li kont jiena li ċedejt is-siġġu parlamentari tiegħi biex inti tinħatar Kap tal-Oppożizzjoni.

Jiena ma rridx li dawn in-nies ikomplu jkissru l-Partit u jippruvaw jimminaw il-kredibbiltà tal-Partit u tiegħek f'dan il-mument kruċjali billi jinqdew bl-elezzjoni għall-co-option tiegħi fis-siġġu vakat minn David Stellini.

Kap kif għamilt tul il-21 sena li għaddew jiena dispost nibqa' nagħti s-servizz tiegħi bla kundizzjoni kif dejjem għamilt fil-Partit Nazzjonalista. Biss huwa ta' ħtieġa urġentissima li kullmin hu ta' rieda tajba f'dan il-mument eżistenzjali għall-PN jersaq 'il quddiem biex il-PN mill-ġdid ikun tassew Oppożizzjoni effettiva u eventwalment Gvern alternattiv waqt li jwarrab minn ħdanu l-elementi tal-politika ta' għira, tal-kilba għall-poter akkost ta' kollox u tal-mibgħeda li fnewh tul l-aħħar snin.

Finalment, jidher ċar li l-Partit Nazzjonalista tal-lum b'mod partikulari minħabba ċertu elementi fi ħdanu li manifestament ħarġu aktar fl-apert tul il-laqgħa tas-Sibt kif ukoll fl-aħħar siegħat m'għadux jingħaraf u minħabba dawn l-istess elementi diffiċli jibqgħalek kuraġġ biex tagħmel iljieli ta' ħidma sas-siegħat bikrin ta' filgħodu kif ta' spiss għamilt kif ukoll xhur twal bla paga kif ghamilt meta l-Partit kien fl-aktar mumenti diffiċli finanzjarjament. Biss quddiem dan kollu, għalkemm diffiċli ferm kemm għalija kif ukoll għall-familja tiegħi, nibqa' għad-dispożizzjoni tiegħek u tal-PN biex tutilizzani fejn temmen li nista' nibqa' nagħti kontribut.

Pero, ladarba huwa ċar li dan hu attentat ieħor, dejjem mill-istess nies, fuq il-Partit, jien ma rridx nkun parteċipi u nħalli li dak li ġara b'mod trasparenti u demokratiku, jiddawwar f'aktar skużi biex jifred lil dan il-Partit.

Għaldaqstant b'dieqa kbira u b'dispjaċir, m'hinix se nkun qed nieħu l-ġurament tal-ħatra bħala Membru Parlamentari. Nirringrazzja lil kull minn wera fiduċja fija u tani l-appoġġ, lil membri tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll lill-votanti tas-7 distrett.

Grazzi u tislijiet

Dejjem tiegħek,

Jean Pierre Debono